V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9167 — Patron Capital/Marriott International/PEH Warsaw Bidco)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 43/03)

1. Fit-28 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Patron Capital, V L.P. (il-"Patron Fund", Jersey), li taġixxi fl-aħħar mill-aħħar permezz tas-sieħba ġenerali tagħha, Patron Capital G.P. V Limited (Jersey),

— Starwood Services Poland sp. z o.o. (il-Polonja), li tappartjeni għall-Marriott International, Inc. ("Marriott", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— PEH Warsaw Bidco sp. z o.o. (il-Polonja), li hija s-sid tax-Sheraton Warsaw Hotel.

Il-Patron Fund u Marriott jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Sheraton Warsaw Hotel.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u ftehim ta' ġestjoni ta' lukanda li kienet teżisti qabel.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— il-Patron Fund: investiment fi proġetti ta' proprjetà immobbli madwar l-Ewropa,

— Marriott: kumpanija diversifikata tal-ospitalità, li taġixxi bħala maniġer u franchisor ta' lukandi u proprjetajiet tat-timeshare,

— ix-Sheraton Warsaw Hotel: lukanda b'5 stilel li tinsab f'Varsavja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9167 — Patron Capital/Marriott International/PEH Warsaw Bidco

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË